# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 20

11 ta' Mejju 2020

L-għoxrin seduta tat-tminn leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2020 fil-5pm. Il-laqgħa saret 'remotely' minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti u n-neċessità ta' social distancing.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Anthony Attard Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 20.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

20.1.1. Is-Sindku DSH ressqet l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku GD li nformat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija preżentata.

### 20.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

20.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

20.2.2. Il-Kunsillier VB ġibed l-attenzjoni li għandu jiġi mniżżel li l-laqgħa nżammet remotely. Il-Kunsill laqa' l-korrezzjoni.

20.2.3. Il-Kunsillier VB ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

20.2.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-app li l-Kunsill kien ser jagħmel. Id-DSE qal li hu u s-Sindku kienu ltaqgħu mad-developer remotely sabiex isiru d-diskussjonijiet inizjali. Huwa propona li terġa' tinżamm laqgħa li għaliha jattendi wkoll il-Kunsillier JAE. Il-Kunsill qabel.

### 20.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

20.3.1. Is-Sindku DSH qalet li kellha laqgħa mal-Assistent Kummissarju is-Sur Mallia u mas-Supretendent Aquilina. Hija qalet li huma kienu nformawha li l-lokalità kienet ġiet ikkunsidrata biex jiġi implimentat il-proġett pilota tal-Community Police. Is-Sindku spjegat li taħt dan il-proġett, kien ser jiġi assenjat uffiċjal tal-Pulizija li jkun qed jara l-bżonnijiet tal-lokalità u jkun iktar disponibbli u qrib tar-residenti billi dawn ser ikollhom kuntatt dirett miegħu permezz tal-mobile.

20.3.1.1. Hija qalet ukoll li dan il-proġett ser jgħin sabiex jinbena rapport bejn l-uffiċjal assenjat u t-tfal tal-iskola peress li ser ikun hu li jwassal it-tfal lejn u mill-iskola u ser ikun assenjat kuljum fil-lokalità. Is-Sindku żiedet tgħid li l-uffiċjal ser ikun qed jieħu inizjattivi oħra biex ikun eqreb tar-residenti.

20.3.1.2. Il-Kunsillier VB staqsa jekk l-uffiċjal kienx ser ikun qed jagħmel użu mill-għassa tal-lokalità. Is-Sindku qalet li l-Pulizija ser ikun qed idur mal-lokalità u mhux ser ikun stazzjonat fl-għassa. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk hux ser ikollu aċċess għall-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u għall-għassa. Is-Sindku wieġbet li ma kellix informazzjoni dwar dan iżda kienet qed tassumi li ser ikollu aċċess għall-għassa ladarba kienet qed issir il-manutenzjoni fuqha.

20.3.1.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx ser jiġi ċċirkulat xi forma ta' kuntatt lir-residenti. Is-Sindku qalet li r-residenti ser ikunu nformati permezz ta' speċi ta' business cards li ser jiġu ċċirkolati lilhom.

20.3.2. Is-Sindku qalet li kienet ġiet avviċinata mill-Awtorità tat-Turiżmu dwar il-kunċerti li soltu jsiru fis-Sajf. Hija qalet li huma kienu nformawha li l-kunċerti tal-Isle of MTV u BBC Orchesta kienu ġew ikkanċellati. Is-Sindku qalet li kienet staqsiet dwar il-kunċert ta' Radio Italia iżda kienu nformawha li dan s'issa ma kienx ġie ikkanċellat u li sa dakinhar kienu ġew ikkanċellati biss il-kunċerti li kienu ser jinżammu qabel l-aħħar ta' Lulju.

20.3.3. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet avviċinata mill-General Manager tal-Grand Hotel Excelsior li esprima x-xewqa li jorganizzaw attività ta' tindif fi Triq Hannibal Scicluna bħala parti mill-Corporate Social Responsability tagħhom. Is-Sindku qalet li kollox kien ser ikun a spejjeż tal-lukanda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

20.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-gazzetta Il-Furjana fejn informaw li ser jippublikaw il-fuljett tagħhom u offrew lill-Kunsill sabiex jirriklama fil-fuljett imsemmi. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' l-offertà u jippubblika informazzjoni dwar x'qed isir mill-Kunsill matul din il-pandemija filwaqt li jieħu l-opportunità jfakkar il-ħinijiet tal-ġabra tal-iskart u s-servizzi li jiġu offruti mill-Kunsill.

20.3.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-performance appraisal tal-eks Segretarju Eżekuttiv u qalet li l-eks SE kienet qed tikkontesta l-persentaġġ approvat mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li ġie kkontestat ukoll il-mod kif imtela' l-performance appraisal meta dan kien imtela' ta' kull sena bl-istess mod.

20.3.5.1. Hija qalet ukoll li kienet ikkontestat il-fatt li l-appraisal ġie ffirmat mid-DSE. Id-DSE spjega li r-raġuni għalfejn kien iffirma l-appraisal kien minħabba li kwalunkwe pagament u dokument li joħroġ mill-Kunsill irid ikun iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal ukoll li huwa ffirma sabiex jikkonferma li kien preżenti għal-laqgħa li matulha ttieħdet it-tali deċiżjoni u mhux għax jaqbel jew ma jaqbilx mal-persentaġġ mogħti li ultimament kienet deċiżjoni tal-Kunsill.

20.3.5.2. Il-Kunsillier VB qal li hu kien ta l-opinjoni tiegħu dakinhar u kien ser jibqa' jsostni l-istess pożizzjoni.

20.3.5.3. Id-DSE reġa' tenna li ladarba jkun hemm raġunijiet validi, id-deċiżjoni finali kienet tal-Kunsill. Huwa żied jgħid ukoll li għalkemm l-impjegat għandu dritt jistaqsi għalfejn ingħata tali persentaġġ, m'għandux dritt jobbliga li jingħata l-massimu.

20.3.5.4. Il-Kunsillier JAE qal li d-deċiżjoni ttieħdet bi qbil unanimu u li l-Kunsill kien unanimament qabel li kien hemm ċertu nuqqasijiet.

20.3.5.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jsostni l-pożizzjoni finali tiegħu.

**Nota: 17:35 Il-Kunsill qabel li għandu jissospendi l-laqgħa sabiex jieħu l-intervent tal-Accountant tal-Kunsill.**

**17:48 Il-laqgħa tkompliet.**

20.3.6. Is-Sindku ressqet kwotazzjoni għal servizz ta' data protection officer li jiggwida lill-Kunsill x'għandu jagħmel biex ikun konformi mar-regoli tad-data protection. Id-DSE qal li l-proċess kien wieħed kumplikat u wieħed irid joqgħod attent x'dokumenti ser ineħħi u kif ser jiddisponi minnhom. Is-Sindku qalet li l-kwotazzjoni tammonta għal €3800 eskl. VAT. Il-Kunsill iddiskuta u approva l-kwotazzjoni.

20.3.7. Is-Sindku għamlet riferenza għall-kwistjoni tal-ġabra ta' skart riċiklat. Hija qalet li l-kuntrattur kien iddeċieda li jittermina l-ġabra ta' nhar ta' Ġimgħa minħabba raġunijiet finanzjarji relatati mal-pandemija preżenti. Is-Sindku qalet li konsegwenza t'hekk il-Kunsill kellu jħallas minn butu kuntrattur sabiex jiġbor il-ġabra bħas-soltu u ser ikollu jibqa' jagħmel dan sakemm is-servizz jerġa' jiġi lura għan-normal.

20.3.7.1. Id-DSE qal li inizjalment id-Dipartiment ma kienx ser jidħol fiha minħabba li l-ftehim kien bejn il-Kunsill u l-Green MT u ssuġġerew li jintalab parir legali. Konsegwentement l-Onor. Ministru Herrera kien bagħat li hu ma jaqbilx mal-waqfa tas-servizz u talab lid-Dipartiment sabiex jassisti lill-kunsilli lokali kollha li kienu ġew affetwati. Id-DSE qal li min-naħa tad-Dipartiment, id-Direttur Ġenerali kien wiegħed l-assistenza u l-għajnuna kollha tiegħu.

20.3.7.2. Id-DSE spjega li l-Kunsill kellu ammont predeterminat li jista' jonfoq f'ġabra ta' skart. Huwa qal li biex tali ammont jinqabeż, il-Kunsill irid jitlob permess mid-Dipartiment u kien għalhekk li kien bagħat lid-Direttur sabiex jitlob permess fuq dan.

20.3.7.3. Id-DSE qal li hu kien talab ukoll gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward problemi futuri li l-Kunsill jista' jaffaċċja fl-audit tas-sena d-dieħla f'każ li jkollu bżonn jibqa' jħallas tali ġabra hu.

20.3.7.4. Id-DSE qal li hu kien ser jitkellem ukoll mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jara x'inhuma d-drittijiet tal-Kunsill.

20.3.7.5. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għas-sejħiet għall-offerti li kien qed jaħdem fuqhom ir-Reġjun Xlokk u staqsa jekk ir-reġjun kienx ser jieħu f'idejh ukoll il-ġabra ta' skart riċiklat. Is-SE wieġeb fin-negattiv minħabba li tali ġabra ma kinietx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kunsilli lokali.

20.3.7.6. Id-DSE spjega wkoll li għalissa l-Kunsill kien qabbad il-kuntrattur eżistenti sabiex jieħu ħsieb il-ġabra u dan minħabba li l-kuntrattur kien diġa jaf sew il-lokalità għax ilu joffri dan is-servizz ammont ta' snin. Huwa qal li ma kienux intalbu kwotazzjonijiet minħabba li kien inutli li l-Kunsill isib xi ħadd irħas li ma jkunx jaf il-lokalità b'konsegwenza li jinħolqu iktar problemi.

20.3.7.7. Huwa qal ukoll li d-Direttur tal-Greenpak kien talab laqgħa mal-Kunsill u ssuġġerixxa li għaliha jattendu l-kunsilliera kollha. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu nhar it-13 ta' Mejju 2020.

20.3.8. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw li f'isem il-kunsilli lokali, kienu bdew diskussjonijiet rigward EPOS machines fl-uffiċċji tal-kunsilli. Huma offrew lill-kunsilli lokali li huma interessati sabiex jissottomettu d-dokumenti rikjesti. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dan is-servizz.

## 20.4 RAPPORTI

20.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 20.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

20.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar id-drenaġġ li kien ħiereġ fis-subway ta' Triq Sant'Anna. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien reġa' nforma lill-Water Services Corporation. Il-Kunsillier JAE propona li tingħalaq is-subway sakemm tissolva l-problema. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jinforma lil Cleansing Department.

20.5.2. Il-Kunsillier JAE ressaq suġġeriment minn residenti ta' Triq Vilhena fejn kienu ilmentaw dwar iż-żieda fil-ħamiem. Huma proponew li jsir proċess ta' qbid tal-ħamiem fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku wieġbet li apparti li kien hemm xogħol għaddej fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, il-gaġeġ riedu jitqegħdu x'imkien f'post sigur u għoli. Hija qalet li għandha tikkonsulta mal-kuntrattur li joffri dan is-servizz sabiex flimkien jaraw fejn l-aħjar li jitpoġġew dawn il-gaġeġ.

## 20.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

20.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 20.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

20.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 10/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

20.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

20.7.3. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Marzu u April, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

20.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 20.8 MOZZJONIJIET

20.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 20.9 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-EWWEL KWART

20.9.1. Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2020.

20.9.2. Wara li d-DSE ta rendikont u spjega tar-rapport finanzjarju, tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Justine Palmier u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart bir-riżultat ikun favur nem con.

## 20.10 FINANCIAL STATEMENTS ADJUSTMENTS

20.10.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-Audited Financial Statements u qalet li kif spjegat l-accountant tal-Kunsill, l-awdituri kienu għaddew xi aġġustamenti żgħar iżda kien hemm aġġustament maġġuri rigward uħud mid-debituri tal-Kunsill.

20.10.2. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japprova l-Audited Financial Statements. Fir-rigward tal-aġġustament imsemmi, il-Kunsill qabel li għandu jitlob parir legali dwar jekk għandux jgħaddi dan l-aġġustament u xi jkunu r-riperkussjonijiet legali f'dan il-każ.

## 20.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

20.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' Gunju 2020 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | Anthony Attard |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |